# KUMITAT REGJONALI XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, POALA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

97 Triq Santa Maria
Hal-Tarxien TXN 1708

31 ta' Lulju 2014

Lis-Sindki
Kumitat Regjonali Xlokk

Gentilment ninfurmakom li nhar it-Tnejn 4 t'Awwissu, fis-6.15pm, ser issir il-Laqgha b'Urgenza Nru 50 tat-Tieni Amministrazzjoni tar-Regjun fl-Ufficcju Amministrattiv tar-Regjun.

**AGENDA**

1. Komunikazzjoni mill-President tar-Regjun Xlokk rigward_ il-laqgha li saret bl-approvazzjoni tal-Kumitat Xlokk mal-Kumpanija Guard & Warden nhar it-30 ta'Lulju, 2014.

Tislijiet,

Tania Belfiore.
Segretarju Ezekuttiv
**KUMITAT REGJONALI XLOKK**

## KUMITAT REGJONALI XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

### Minuti tal-Laqgha Nru. 50 / 2014

Il-Laqgha Nru 50/2014 tat-Tieni Amministrazzjoni
saret it-Tnejn 4 ta' Awwissu,2014 fis-6.30pm
fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kumitat Regjonali Xlokk
f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

**Prezenti ghal-laqgha :** Attender

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, |
| Is-Sinj. Alison Zerafa Civelli | Sindku Bormla |
| Is-Sinj. Speranza Chircop | Sindku Kalkara |
| Is-Sur Anthony Valvo | Sindku Xghajra |
| Is-Sur Rodrick Spiteri | Sindku Paola |
| Dr Alexie Dingli | Sindku Valletta |
| Is-Sur J Attard | Kunsillier – Birgu |
| Is-Sur Joseph Abela | Sindku Tarxien |
| Is-Sur Frans Debono | Sindku Marsa |
| Is-Sur Marc Vella Bonnici | Sindku ta' Haz-Zabbar |
| Is-Sinj. Tania Belfiore | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzat :**
Is-Sur Mario Calleja – Sindku M'Scala
Is-Sur Justin John Camilleri – Sindku Isla

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha fis-6.30pm.

### Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 49/2014 mizmuma fit-28 ta' Lulju,2014 kienu gew iċċirkolati minn qabel,u ghalhekk il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija, u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

2.1 **Punti Mqajjma**

Il-President, is-Sur Paul Farrugia, gibed l-attenzjoni ghall-hatra tas-Sindku gdid ta' Haz-Zabbar, is-Sur Marc Vella Bonnici, li kien wkoll prezenti waqt din il-laqgha. Is-Sur Vella Bonnici gie moghti merhba u l-awguri minn kull min kien prezenti fil-laqgha.

Il-President, bhal President tar-Regjun, offra kull ghajnuna mehtiega lis-Sur Vella Bonnici.

3.1 **Spjegazzjoni tal-Punti Mqajjma mir-Regjun Xlokk waqt il-Laqgha li kellu Mal-Kumpanija Guard & Warden** Wardens

Il-President spjega fid-dettal id-diversi punti li gew mqajjma fil-laqgha li saret fit-30 ta' Lulju, 2014 bejn il-President tar-Regjun, is-Sur Paul Farrugia u s-Segretarju Ezekuttiv, is-Sjra. Tania Belfiore mas-Sur Kenneth DeMartino, Chairman tal-kumpanija tal-gwardjani lokali, The Guard & Warden Service House.

Il-President ta rapport dettaljat dwar x'kien gie diskuss f'din il-laqgha, liema rapport huwa anness ma' dawn il-minuti u mmarkati Dok. A. Ipprezenta wkoll lill-membri prezenti kopja tal-*agreement letter* illi eventwalment kienet se tkun iffirmata bejn ir-Regjun Xlokk u l-kumpanija Guard & Warden, u ta spjegazzjoni dettaljata taghha, dejjem jekk il-Kumitat japprovha.

Kompla biex informa lill-Kumitat li meta tidhol fis-sehh ir-riforma tal-gwardjani lokali l-kuntratt tar-Regjun Xlokk mal-Guard & Warden jaqa' ghal kollox.

Is-Sur Paul Farrugia informa lill-Kumitat li huwa kien tal-opinjoni li r-Regjun Xlokk jwaqqa' l-kuntratt mal-iSterling mill-aktar fis possibbli u jekk huwa possibbli s-servizz tal-Guard & Warden jidhol fis-sehh qabel l-24 ta' Awwissu, 2014. Fatt iehor importanti li l-President sahaq fuqu huwa li hemm numru sostanzjali ta' gwardjani lokali li diga' hadu l-pass li jtemmu l-impjieg taghhom mal-iSterling u jinghaqdu mal-Guard & Warden. Minbarra ragunijiet ohra, inkluza l-kawza ta' nuqqas ta' gwardjani lokali, is-servizz li qieghed jinghata lir-Regjun Xlokk mill-iSterling qieghed imur mill-hazin ghall-ghar. Spjega li l-kontijiet pendenti sa April 2014 minghand l-iSterling Security gew imhallsa izda mhux qabel ma ttiehdet l-azzjoni necessarja li jigu mnaqqsa certi ammonti relatati mal-*untracking*. Il-President ghamel enfasi li kemm il-darba l-kunsilli fi hdan ir-Regjun Xlokk jitolbu servizz minghand l-iSterling u dan dan jigi michud, huma ghandhom jinfurmaw lir-Regjun.

Il-President ghamilha cara wkoll li fuq ir-rotot il-godda se jkun hemm wardens godda u mhallta ma' dawk li qeghdin operaw fir-Regjun Xlokk fil-prezent.

Fil-laqgha intlahaq qbil unanimu minn dawk prezenti li terga' ssir laqgha ohra mal-Guard & Warden qabel ma finalment jigi ffirmat il-kuntratt.

Hawn taht wiehed jista' jsib diversi punti ohra relatati mal-kwestjoni u li gew diskussi mill-membri prezenti.

- It-tracking mill-Authorized Officers
- Importanti immens li barra li jaghmlu r-rondi taghhom bil-vetturi, l-wardens ghandhom regolarment jaghmlu wkoll *footpatrols*
- Possibilita' ta' laqgha bejn il-kumpanija tad-data track u r-Regjun Xlokk rigward il-possibilita' li tiddahhal is-sistema ta' *tracking* fil-kunsilli lokali
- Il-possibilita' li minflok jigu mitluba s-servizzi tal-Echo Wardens, ir-Regjun Xlokk jipprovdi *portable cameras* lil kull kunsill lokali fi hdanu sabiex dawn jitpoggew f'postijiet diversi halli jkun hemm *monitoring* b'hekk titnaqqas l-ispiza tal-Echo Warden. Tqajjem ukoll il-punt jekk mill-att legali huwiex possibbli li jitmexxew proceduri legali kemm il-darba wiehed jinqabad jikser il-ligi permezz tal-*portable cameras.*

**Gheluq:**

Il-Laqgha spiccat fit-7:45pm

**Chev. Paul Farrugia**
**President**

**Tania Belfiore**
***Segretarju Ezekuttiv***

Minuti approvati llum 29 , ta' Settembru 2014.